# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 478

KAZ NRU. 626

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Mark Attard

u

Holiday Inn Crowne Plaza
kif rapprezentata mis-Sinjuri
Albert Mizzi u Nick Degiorgio

dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hi ngusta

Data: 8 ta' Frar, 1993

Chairman: Is-Sur Maurice J.V. Bonello M.B.E.

**INTRODUZZJONI**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal mill-Ministru tal-Politika Socjali permezz ta' ittra datata 6 ta' Settembru, 1991 ghal decizjoni skond il-provvedimenti ta' Artikolu 28(2) ta' l-Att tal-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali.
m

It-Tribunal zamm tmien seduti.

**PRELIMINARI**

Mark Attard kien gie impjegat bhala barman mal-lukanda Holiday Inn Crowne Plaza fit-31 ta' Mejju, 1987. Inqalghu xi incidenti fil-lukanda fit-18 u fit-19 ta' Mejju, 1991. Il-Management tal-Lukanda kienet ghamlet investigazzjoni ta'

..../2

dawn l-incidenti, u bhala rizultat, ittermina l-impjieg ta' Mark Attard b'effett mill-10 ta' Lulju, 1991. Mark Attard ghamel talba lill-Ministru tal-Politika Socjali fejn allega li kien gie mkecci ngustament u l-kaz gie riferit lit-Tribunal. Fl-istatement of case tieghu Mark Attard sostna illi l-provvedimenti tal-Ftehim Kollettiv ma kienux gew segwiti mill-Management, u li ghalhekk, id-decizjoni ta' tkeccija kienet nulla.

## RIZULTANZI

Mix-xhieda rrizulta illi Mark Attard kien involut f'zewg incidenti. Fl-ewwel wiehed fit-18 ta' Mejju, 1991 kellu xi jghid ma turist Franciz, u fit-tieni wiehed f'19 ta' Mejju, 1991 kellu xi jghid ma' impjegat iehor, Chris Vella. Jidher illi fl-ewwel incidentmal-Franciz, li kien qieghed jinsisti li jinghata x'jixrob wara li l-bar kien inghalaq, kien hemm xi provokazzjoni minn naha tal-frustier li, milli jidher, kien xorob xi ftit izzejjed. Fit-tieni incident, Attard allega fix-xhieda tieghu, illi x-xoghol kien qieghed jaqa' kollu fuqu. Ghalhekk kien mar ifittex lil-Chris Vella il-barman l-iehor. Dawn kienu bdew jitlewmu u fil-konfuzjoni li kien hemm, Franco Schembri intlaqghat b'daqqa ta' ponn minn Mark Attard. Ta' min wiehed ighid illi, fl-ewwel incident, Mark Attard kien qabez il-bar counter u per konsegwenza, inkissru xi tazzi li kienu qeghdin hemmmhekk. Jidher ukoll illi Mark Attard, fiz-zewg incidenti,kien hebb jew ipprova jhebb kemm ghall-Franciz kif ukoll ghal Chris Vella.

## KONSIDERAZZJONIJIET

Huwa veru illi fl-ewwel incident kien hemm xi provokazzjoni. Jista jkun wkoll, illi fit-tieni incident veru illi x-xoghol kien qed jaqa' fuq Attard. Pero' fl-opinjoni tat-Tribunal. Mark Attard ghamel nazin li ha l-ligi f'idejh. Imissu

..../3

rrapporta z-zewg kazijiet lis-Superjuri tieghu u jhalli f'idejhom biex jiddertermінaw x'kellu jsir.

Fir-rigward ta' l-allegat ksur tal-provvedimenti tal-Ftehim Kollettiv, it-Tribunal ezamina sew il-provvedimenti ta' paragrafu 22 "Report on unsatisfactory work or conduct". Ghalkemm dawn il-provvedimenti setghu kienu miktubin b'mod aktar car u specifiku, jidher illi l-provvedimenti (a) ghal (d) jirrigwardaw offizi mhux ta' gravita kbira, waqt li sotto paragrafu (e) jirrigwarda offizi serji. Huwa car illi il-management kien ta' l-opinjoni illi l-incidenti fuq imsemmija kienu ta' natura serja. Wiehed jifhem illi meta jkun hemm glied minn naha ta' l-istaff fi stabbiliment bhal lukanda ta' klassi gholi bhal ma hi l-Holiday Inn Crowne Plaza, dan xejn ma **jirifletti** tajjeb fuq ir-reputazzjoni ta' dak l-istabbiliment.

Kien hemm oggezzjoni ghall-presenza ta' Avukat fil-bidu ta' l-investigazzjonijiet f'dawn l-incidenti, u ghalkemm il-management accetta li l-Avukat kellu jirtira mill-kaz, jibqa l-fatt illi ma hemm xejn fil-Ftehim Kollettiv li jipprojbixxi li jattendi Avukat f'kazijiet ta' investigazzjoni ta' ksur ta' dixxiplina. Fuq dan il-punt ghalhekk, ma hemm l-ebda ksur tal-Ftehim Kollettiv.

Skond 22 (e) tal-Ftehim Kollettiv, il-management kellu id-dritt jissospendi lil Mark Attard sakemm gew esegwiti l-investigazzjonijiet. Pero' dan id-dritt mhux obbligatorju u l-management ma kienx tenut illi jezercita dan id-dritt bil-fors. Il-fatt illi l-investigazzjonijiet baqghu sejrin tnejn u hamsin gurnata jaghti ad intendere illi l-investigazzjoni kienet ferm ezawrienti. Jidher wkoll illi d-decizjoni ta' tkeccija ma ttiehditx leggerment imma wara konsiderazzjoni ampja tal-fatt.

.../4

DECIZJONI

It-Tribunal ga kellu okkazjoni ighid illi mpjegat ghandu jinghata 'warning' qabel ma tittiehed decizjoni illi jitkecca, hlief f'kazijiet gravi. F'dan il-kaz partikolari fic-cirkostanzi kollha inkluz in-natura ta' l-istabbiliment, id-decizjoni ta' tkeccija ghalkemm iebsa, kienet gustifikata. Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jirrispingi t-talba ta'l-appellant.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Nru. 48 ta' l-1986, it-Tribunal qed jintaxxa d-drittijiet tal-konsulenti tal-partijiet fl-ammont ta' erbghin Lira (Lm40).

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Maurice J.V. Bonello
CHAIRMAN

Edwin Spiteri
SEGRETARJU

rb